MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 38/2008/1

**Siham Habbad u Salvatore Bonello u kuraturi deputati nominati minn din il-Qorti sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Josephine Maria Bonello[1]**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali tar-Repubblika,**

[1] Dwar it-talba ghall-hatra ta' kuraturi, l-Ewwel Qorti ddecidiet li missier il-minuri jghix Malta u hu jirraprezentaha lil Josephine Maria Bonello, ghalhekk illum it-talba ghall-hatra ta' kuraturi giet sorvolata u ma gewx appuntati kuraturi fil-mori tal-kawza. Dwar dan il-partijiet jaqblu. (ara verbal tad-9 ta' Jannar 2012 quddiem din il-Qorti).

**il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, il-Kummissarju tal-Pulizija u
l-Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti kollha minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Mejju 2011 li cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors ipprezentat fil-15 ta' Lulju, 2008, li *in forza* tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettew :

"1. Illi r-rikorrenti Habbad u Bonello jghixu flimkien bhala koppja u mir-relazzjoni ta' bejniethom huma kellhom wild tifla minuri Josephine Maria Bonello li llum ghandha xahar u nofs u li twieldet fit-23 ta' Mejju 2008 f'Tas Sliema;

"2. Illi r-rikorrenti Habbad u Bonello minkejja li ma humiex mizzewga jghixu flimkien bhala familja flimkien tal-minuri binthom;

"3. Illi r-rikorrenti Habbad hija persuna ta' nazzjonalita Marokkina u ghalhekk hija ma ghandhiex permessi minghand l-intimati sabiex tkun tista tghix hawn Malta b'mod liberu. Illi di fatti presentement ir-rikorrenti Siham Habbad qeghda minn zmien ghal zmien tirrikorri ghand l-intimati li minn naha taghhom qeghdin isibu u joholqu diffikutajiet kbar biex l-esponenti jinhargilha permess tirrisjedi hawn Malta ma bintha bhal kull omm ohra li tghix hawn Malta mat-tfal;

"4. Illi jinghad li l-intimati taw permess lir-rikorrenti Habbad tibqa hawn Malta sal-jum tal-21 ta' Lulju 2006, b'mod u manjiera li teknikament l-intimati jistghu jaqbdu lill-esponenti Habbad u jkeccuha barra minn Malta b'detriment ghal minuri li tghix hawn Malta wkoll mar-rikorrenti Bonello;

"5. Illi kemm il-darba ir-rikorrenti Habbad titkecca minn Malta ser isir lir-rikorrenti ksur tad-dritt ta' tgawdija tal-hajja familjari ta' l-esponenti protett minn l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll vjolazjoni tal-Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Di piu dan l-ordni ta' nuqqas ta' tigdid ta' permess biex l-esponenti ikunu jistghu jgawdu l-hajja famijari ta' bejniethom jammonta ghal vjolazzjoni ta' l-Artikoli 43, 44, 45 tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-Artikoli 1, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, senjatament l-obbligi pozittivi ta' l-Istat, protezzjoni minn diskriminazzjoni, kif ukoll id-dritt ghar-rimedju domestiku effettiv;

"Ghaldaqstant, in vista tal-premess u a tenur tar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbi Qorti joghgobha taghtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa sabiex tizgura t-twettieq favur taghhom tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-artikoli 1, 3, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll dawk id-Drittijiet fundamentali kontemplati fl-artikoli 32, 43, 44 u 45 tal-Kostituzjoni ta' Malta billi fost affarijiet ohra tawtorizza lir-rikorrenti Haddab Siham, Salvatore Bonello u binthom Josephine Maria Bonello, minuri, jghixu f'dawn il-Gzejjer minghajr ebda restrizzjoni ta' Ligijiet ta' Immigrazjoni;

"Rat ir-risposta tal-intimati li *in forza* taghha wiegbu illi:

"Illi fl-ewwel lok, l-istess intimati jixtiequ jinfurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li l-esponenti ma kienx f'posizzjoni li jintavolaw risposta ghal dan r-rikors fit-terminu moghti lilhom min din l-istess Onorabbli Qorti minhabba fil-fatt li dan r-rikors gie nnotifikat lill-esponenti proprju l-ghada ta' meta skada t-terminu li kien stabilit min din l-Onorabbli biex tigi pprezentata risposta mill-istess esponenti;

“Illi in oltre u in vista taz-zmien piutost qasir li l-esponenti kellhom biex jipprezentaw din ir-risposta u filwaqt li l-esponenti qed jipprezentaw din r-risposta hekk kif gie nnotifikat lilhom dan r-rikors, huwa jixtiequ jirrizervaw d-dritt li jippresentaw risposta aktar ddettaljata fi stadju ulterjuri jekk jinhass il-bzonn u dan dejjem bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti;

“Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju, l-intimat Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali m’humiex il-legitimi kuntraditturi f’rikors ta’ din n-natura u minhabba f’hekk ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju u dan anke in vista tal-fatt li dan r-rikors jista facilment jirrispondi ghalih l-intimat l-iehor, l-Ufficjal Prinicipali tal-Immigrazzjoni;

“Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti qed prezentement jopponi ruhu bl-akbar qawwa ghan-nomina ta’ kuraturi sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tal-minuri Josephine Maria Bonello da parti ta=din l-Onorabbli Qorti stante li missier l-istess minuri, cioe’ Salvatore Bonello, qieghed prezentement jirrisjedi f’dawn il-Gzejjer, apparti li huwa stess huwa wiehed mir-rikorrenti f’dan r-rikors u minhabba f’hekk l-istess minuri, d-drittijiet tal-minuri Josephine Maria Bonelli hija sufficjentement mharsa mill-istess missierha, r-rikorrenti Salvatore Bonello;

Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u minhabba f’hekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

“Illi r-rikorrenti qed tallega li qed jigi vvjolat l-Artiklu 1 tal-Konvenzjoni;

“Illi kif inhu ben saput l-Artiklu 1 ta-istess Konvenzjoni jittratta dwar l-applikabilita o meno tal-Konvenzjoni u minhabba f’hekk l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lir-rikorrenti tispecifika ezattament kif dan l-Artiklu qed jigi vvjolat fil-konfront

taghha stante li tali vjolazzjoni ma tistax tirrizulta mill-allegazzjonijiet kif elenkati fir-rikors promotur;

"Illi zgur b'ebda mod ma jista jigi allegat li l-fatt li persuna tista tigi deportata, allura dik il-persuna qed tigi sottomessa ghall-trattament degradanti u numan skond Artiklu 3 tal-Konvenzjoni kif qed tirppretendi l-istess rikorrenti fir-rikors taghha;

"Illi fir-rigward tat-tharis tad-dritt ghall-hajja familjari kif sancit f'Artiklu 8, l-esponenti umilment jixtiequ jissottomettu li l-obbligu tal-Istat fir-rigward ta' dan l-Artiklu hu li biss li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari;

"Illi huwa principju ben risaput fil-gurisprudenza nostrana u dik barranija li l-Istat m'ghandux d-dover taht l-istess Artiklu 8 li jikkoncedi d-dritt ghall-hajja familjari f'gurisdizzjoni partikolari, specjalment f'kaz ta' kwistjoni ta' permananenza jew cittadinanza li dejjem gew meqjusa bhala dritt fundamentali tal-Istat li l-istess stat ghandu dritt jirregola kif jidhirlu hu;

"Illi r-rikorrenti qed tallega li gew vvjolata fil-konfront taghha d-dritt ghar-rimedju effettiv kif sancit fl-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni li jissalvagwardja d-dritt ghar-rimedju nazzjonali effettiv;

"Illi bir-rispett kollu lejn r-rikorrenti, l-esponenti ma jistax jifhem kif r-rikorrenti qed taghmel din l-allegazzjoni proprju quddiem qorti li fil-fatt tissodisfa r-rekwiziti kollha li hemm bzonn sabiex jigi salvagwardjat dan d-dritt mhux biss fil-konfront tal-esponenti izda ukoll fil-konfront tac-cittadini kollha l-ohra;

"Illi r-rikorrenti qed tallega in oltre ksur tad-drittijiet fundamentali taghha kif salvagwardjati fl-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni;

"Illi l-esponenti jichdu bl-akbar qawwa li qatt mxew jew li qatt ghandhom l-intenzjoni li jimxu b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghandu jirrizulta ampjament

mill-fatti tal-kaz kif ser jigu esposti waqt t-tratttazzjoni tar-rikors odjern;

“Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu riferenza ghal dak li hemm mnizzel f’din r-risposta, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tichad t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

“Semghet lix-xhieda li tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti kollha;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti Siham Habbad;

“Rat illi ir-rikors kostituzzjonali thalla ghallum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat :

“Illi ir-rikorrenti Siham Habbad xehdet illi hija kienet tghix ma certu Salvu Bonello, ir-rikorrenti l-iehor, ghal perjodu twil u mir-relazzjoni ta’ bejniethom twieldet tifla minuri Josephine Maria Bonello fit-23 ta’ Mejju 2008 f’Tas-Sliema. Hija xehdet illi kienet tghix ma Bonello bhala familja u t-tifla twieldet f’Malta meta kienu jghixu flimkien. Gara li peress illi hi, il-missier u t-tarbija riedu jkomplu jirrisjedu ilkoll f’Malta l-intimati qed issibu diffikulta sabiex jaghtuha dritt illi dgawdi lill-bintha flimkien ma missierha f’Malta. Is-sitwazzjoni aggravat aktar meta giet ordnata mill-awtoritajiet biex tohrog minn Malta sal-31 ta’ Lulju 2006 u ghaliha dan huwa ksur tad-drittijiet taghha ghad-dgawdija tal-hajja tal-familja u kien ghalhekk illi ipprezentat ir-rikors kostituzzjonali odjern. Hija xehdet illi f’pajjizha il-Marokk li huwa pajjiz Musulman huwa impossibbli ghaliha li tidhol lura f’pajjizha b’bintha minghajr ma hija mizzewga sabiex tkompli tghix hemmhekk bhala single parent u dan fih innifsu johloq perikolu serju ghad-drittijiet u il-hajja taghha u ta’ bintha minuri u dan aktar u aktar meta bintha giet rikonoxxuta minn missierha ir-rikorrenti Salvu Bonello kif jirrizulta minn certifikat mahrug mir-registru pubbliku ta’ Malta.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed ir-rikorrenti Salvatore Bonello u b’riferenza ghar-rikorrenti Siham Habbad huwa xehed illi kellu relazzjoni intima maghha illi minnha twieldet tarbija, izda huwa xehed illi huwa ipprezenta kawza kontra ir-rikorrenti Siham Habbad fil-Qorti tal-Familja peress illi jista jkun illi t-tarbija mhijiex tieghu, izda ta’ ragel iehor u din il-kawza ghadha ma inqatghetx. Ir-rikorrenti ikkonferma li kien irrikkonoxxa illi t-tarbija li kienet qeghda tistenna ir-rikorrenti Siham Habbad kienet tieghu, izda dak iz-zmien ma kienx jaf illi Siham Habbad kellha relazzjonijiet ma irgiel ohrajn ukoll.

“Ikkunsidrat :

“Illi il-Prim Ministru, Il-ministru tal-Gustizzja u l-Intern, Il-kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali eccepew li m’humiex legittimi kuntraditturi f’rikors ta’ din in-natura u illi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju peress illi ghandu jirrispondi ghalih l-intimat l-iehor, l-ufficjal principali tal-Immigrazzjoni.

“Ikkunsidrat :

“Illi f’dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi ghal sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Avukat Michael Psaila nomine v. Joseph Pace et tat-3 ta’ Ottubru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk :

“Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jipprova illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f’ebda rapport negozjali mar-rikorrent noe jew li m’ghadx ghandu tali rapport.”

“Il- Qorti, sabiex tistabilixxi jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, ghandha tivverifika “prima facie” jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.”(Citazzjoni Numru. 2155/1999/1 George u

Marthese konjugi Cassar v. Tabib Lino u Louise konjugi Gauci Borda.)

“Vide ukoll sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-5 ta’ Ottubru, 2001, Cit. Nru. 1365/92 AJM, fil-kawza fl-ismijiet Frankie Refalo fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tal-kumpanija “Frank’s Garage Ltd” ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta’ l-istess v. Jason Azzopardi u Stanley Portelli.

“Illi ghal dik illi jirrigwarda it-talba ghall-hatra ta’ kuraturi, missier il-minuri jghix Malta u jirraprezentaha hu u illum il-gurnata it-talba ghall- hatra ta’ kuraturi giet sorvolata billi ma gewx appuntati kuraturi fil-mori tal-kawza.

“Ikkunsidrat :

“Illi jirrizulta illi tezisti kontestazzjoni jekk fil-fatt it-tifla minuri hijiex tassew bint r-rikorrenti Salvatore Bonello u fil-fatt hemm kontestazzjoni kif jidher mill-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja (Rikors Guramentat numru 352/08AF).

“Illi fin-nota ta’ sottomisjonijiet taghha, r-rikorrenti tissottometti illi ghalkemm hija Marokkina, it-tifla tar-rikorrenti “ghandha rabta ma’ pajjizna” peress li hija mwielda Malta – u “anke minhabba l-familja nfisha tal-minuri.”

“Illi il-Qorti ma tistax tifhem ghal liema familja qieghda tirreferi r-rikorrenti meta fil-fatt hemm kawza ta’ denegata paternita pendenti il-Qorti u inoltre Salvatore Bonello xehed li l-partijiet kellhom relazzjoni illi issa giet terminata.

“Illi ir-rikorrenti tippretendi li ghandha dritt ghall-familja a fini ta’ artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-dritt tat-tgawdja tal-hajja familjari u ukoll skond l-artikolu 32 tal-Kostituzjoni ta’ Malta.

“Illi fir-rigward ta’ l-allegat ksur ta’ l-Artikolu 1 :

“L-Artikolu 1 jittratta l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet tal-individwu u illi l-istanti ghandhom jizguraw li kull persuna

f'Malta hija intitolata ghad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-individwu msemmija fil-Konvenzjoni.

"Illi il-Qorti tara illi l-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dan l-artikolu ghandha tigi michudha, preliminarjament ghax r-rikorrenti lanqas biss ippruvat illi dan l-artikolu qieghed jigi vvjolat.

"Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal artikolu 8, fl-affidavit taghha l-attrici tghid illi meta l-konvenuti ordnawlha li tohrog minn Malta fil-21 ta' Lulju 2006 – "dan fih innifsu huwa ksur tad-drittijiet tieghi ghat-tgawdija tal-familja."

"Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva illi fl-2006 r-rikorrenti ma kellha ebda familja.

"Illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jghid hekk:

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

"(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżereizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun meħtieg f'socjeta demokratika fl- interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiż, biex jigi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

"L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma jagħtix il-jedd illi individwu jadotta jew li jkollu familja iżda "jippresupponi" l-eżistenza ta' familja. Dwar dan, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-każ E.B. v. Franza qalet hekk:

""The right to respect for "family life" does not safeguard the mere desire to found a family; it presupposes the existence of a family … … … (sottolinear ta' din il-Qorti) or the relationship that arises from a lawful and genuine adoption (see **Pini and Others v. Romania,** nos. 78028/01 and 78030/01, § 148 , ECHR 2004-V)"3.

"Illi dan iżda ma jfissirx illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni huwa għal kollox irrelevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum, kemm fih innifsu u kemm għall-għanijiet ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni,
Illi kif jidher minn din is-silta aktar sħiħa mill-istess sentenza fil-**każ E.B. *v.* Franza**:

""41. The Court, noting that the applicant based her application on Article 14 of the Convention, taken in conjunction with Article 8, reiterates at the outset that the provisions of Article 8 do not guarantee either the right to found a family or the right to adopt (see *Fretté*, [30 January 2002]). Neither party contests this. The right to respect for "family life" does not safeguard the mere desire to found a family; it presupposes the existence of a family (sottolinear ta' din il-Qorti) (see ***Marckx v. Belgium***, judgment of 13 June 1979, Series A no. 31, § 31), or at the very least the potential relationship between, for example, a child born out of wedlock and his or her natural father (sottolinear ta' din il-Qorti) (see ***Nylund v. Finland*** (dec.), no. 27110/95, ECHR 1999-VI ), or the relationship that arises from a genuine marriage, even if family life has not yet been fully established (sottolinear ta' din il-Qorti) (see ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom***, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, § 62), or the relationship that arises from a lawful and genuine adoption (see ***Pini and Others v. Romania*****,** nos. 78028/01 and 78030/01, § 148 , ECHR 2004-V).

"Illi fil-kaz odjern ma hemm l-ebda hjiel ta' 'family life' billi lanqas biss hemm il-potenzjal ta' relazzjoni bejn l-omm u l-missier, specjalment fid-dawl tal-proceduri kontenzjuzi imsemmija pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja.

"Illi skond il-kaz **Marckx v. Belgium** irrizulta illi irid ta l-inqas ikun hemm "the potential relationship between a child born out of wedlock and his or her natural father."

"Illi fil-kaz odjern, din ir-relazzjoni ghadha mhux stabbilita.

"Illi huwa wkoll relevanti dak li ntqal fil-każ ta' Spadea u Scalbrino v. l-Italja: Rikors nru 12868/1987, maqtugħ fl-1 ta' Settembru 1995, fejn intqal illi :

""… … … Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."

"Ikkunsidrat :

"Illi kif inhu risaput, kemm l-Artikolu 8 kif ukoll l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar il-"familja". Fil-kaz imsemmi l-appellati, quddiem l-ewwel Qorti, ma invokawx l-Artikolu 12, izda biss l-Artikolu 8 (abbinat ma' l-Artikolu 14). Izda, kif tajjeb josservaw Francis Jacobs u Robin White fir-raba' edizzjoni tal-ktieb taghhom ***The European Convention on Human Rights,*** fil-kuntest tal-"hajja tal-familja" fl- Artikolu 8:

"The right to marry and found a family may be regarded as a particular form of family life, but it is separately protected in Article 12…"

Illi aktar 'l quddiem ikomplu jelaboraw :"Repect for family life requires identification of what constitutes a family. The protection of the family, as the fundamental unit of society, figures at more than one place in the Convention. Article 12 guarantees the right to marry and to found a family, while Article 8 <u>prohibits in principle</u>, and subject to the provisions of paragraph (2), <u>interference with an existing family unit</u>…The right to respect for family life, as guaranteed by Article 8 of the Convention, has as its principal element the protection of the integrity of the family. What then constitutes a 'family'...? Generally the Commission and the Court have considered the family to include husband and wife and children who are dependent on them, including illegitimate and adopted children…".

“Ikkunsidrat :

“Illi din il-kawza lanqas giet istitwita mir-rikorrenti ghan-nom ta’ bintha fid-dawl tad-dritt ta’ tgawdija tal-hajja tal-familja fid-dawl ta dik ir-relazzjoni potenzjali li setgha ghandha ma’ missierha, izda saret f’isem ir-rikorrenti biex titlob li tghix ma bintha f’Malta biex tgawdi il-hajja familjarji – liema hajja familjari ma gietx ippruvata u lanqas biss hemm hjiel taghha!!

“Illi jidher illi r-rikorrenti qieghda tippretendi li minhabba li hi inqabdet tqila sentejn wara li kien hemm ordni biex hi titlaq minn Malta, issa stabbiliet ‘family life’ a fini tal-Konvenzjoni. Dan ma jreggix, specjalment fid-dawl tal-principju li l-kwistjoni ta’ permanenza jew citadinanza huma drittijiet fundamental tal-Istat u ghandu dritt jirregolhom kif irid hu.

“Illi l-Qorti tirrileva illi is-sub artikolu 2 li jipprovdi hekk:

“Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita pubblika dwar l-eżercizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun meħtieg f’socjeta demokratika fl- interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiż, biex jigi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.”

“Illi m’ghandu qatt jinftiehem illi f’isem id-dritt ghall-familja tista tinkiseb protezzjoni mill-ligijiet tad-deportazzjoni u immigrazzjoni ghal kull persuna li issib sieheb li jkun lest ikollu tarbija maghha.

“Illi in kwantu ghall-Artikolu 8, jekk it-treggigh lura tar-rikorrenti lejn il-Marrokk se mai ser igib “interferenza fil-hajja tal-familja taghha”, is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 8 jippermetti tali interferenza purche` li jkunu jikkonkorru tlett kundizzjonijiet: (i) li tali interferenza tkun skond il-ligi, (ii) li tkun mehtiega f’socjeta` demokratika, u (iii) li tkun mehtiega biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta’ delitti. Fil-kaz in dizamina, dawn it-tlett kundizzjonijiet

jirrizultaw sodisfatti. F'dan il-kuntest huwa interessanti l-kumment ta' van Dijk u van Hoof (f'pagna 537 tal-ktieb aktar 'l fuq imsemmi):

"Within the concept of the 'necessary in a democratic society' test the court relies heavily upon the principle of 'proportionality'. This enables the Court to balance all the relevant interests and factual circumstances, and also to take into account the intensity of the infringement as well as the question whether **the essence of the right invoked has been infringed.** The scale the Court utilises seems to imply that the more far-reaching the infringement or the more essential the aspect of the right that has been interfered with, the more substantial or compelling the legitimate aims pursued must be."

"Illi jirrizulta manifestament illi l-essenza tad-dritt protett u salvagwardjat f'Artikolu 8 ma giex ivvjolat fil-kaz odjern.
Illi ghal dak illi jirrigwarda l-allegat ksur ta' l-artikolu 14, l-Artikolu 14 jghid hekk:

"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tigi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raguni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor." għax, li kieku ma kinux miżżewgin u t-talba saret minn wieħed waħdu jew minn waħda weħidha minnhom, kienet tkun tista' ssir mill-ewwel.

"Illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni "m'għandux eżistenza separata iżda jrid dejjem jigi eżaminat flimkien_ma' dispożizzjonijiet oħra ta' l-istess Konvenzjoni". Barra minn hekk, ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 14 għax mhux kull "distinzjoni" hija bilfors "diskriminazzjoni", kif qalet il-_Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Spadea u Scalbrino v. l-Italja:"… … … Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in"relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, inter alia, that

the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."

"Illi fil-kaz odjern ir-rikorrent ma ppruvat l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront taghha u effettivament ma kien hemm ebda vjolazzjoni ta' Artikolu 14 tal-konvenzjoni.

"Illi fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 3:

"Ir-rikorrenti tallega li jekk hija titregga' lura lejn il-Marokk ser jigu lezi fil-konfront taghha d-drittijiet protetti bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan minhabba li hija ghandha tifla minuri u ma tista tghix fil-Marokk.

"Illi mill-affidavit qasir taghha tat- 3 ta' Gunju 2009 u mic-certikat tat-twelid tal-minuri, jirrizulta li din il-minuri hija tifla ta' ftit aktar minn sentejn.

"Illi mill-affidavit ta' l-istess rikorrenti ma jirrizulta xejn li jindika li, una volta fl-Marrokk (dejjem jekk il- Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jibghata lejn dak il-pajjiz) hi mhux ser ikollha l-possibilita` li jkollha maghha lil bintha minuri, jew li mhux ser ikollha l-possibilita` li taraha. Hi ma esprimiet ebda ilment li qed tigi kkanguanata xi "mental anguish" tali li jilhaq l-intensita` rikjesta biex wiehed jista' jibda jitkellem dwar trattament inuman jew degradanti fis-sens tal- Artikolu 3 tal-imsemmija Konvenzjoni; u anqas ma hemm xejn x'jindika li tali "mental anguish" ser jirrikorri jekk hija titregga' lura lejn l-Marrokk. Frankament din il-Qorti tara li r-referenza ghal, u l-allegazzjoni li ser jinkiser, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea huma, fil-kuntest tal-kaz u tal-provi (jew nuqqas ta' provi), altament fieragh!!

"Illi fir-rigward tal-allegat ksur ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, dan l-Artikolu jipprovdi id-dritt ghar-rimedju xieraq b'dan illi jekk tigi pprivat mid-drittijiet tieghek, tista tiehu l-ilment tieghek quddiem il-Qrati jew Awtoritajiet pubblici – din it-talba qeghda tigi michuda, b'dan illi l-fatt biss illi r-rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti jissodisfa r-rekwiziti kollha li hemm bzonn

sabiex jigi salvagwardjat dan id-dritt fil-konfront tar-rikorrenti.

"Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti taqta u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti; bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti."

**Rikors tar-rikorrenti appellanti**

3. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha quddiem din il-Qorti sabiex tikkonfermaha fejn cahdet l-ilment taht l-Artikolu 1, 13 u 14 tal-Konvenzjoni, izda tirrevokaha fil-parti fejn ma laqghetx it-talbiet taht l-Artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni u minflok tilqa' t-talbiet taht dawn iz-zewg artikoli.[2]

4. Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

i. Fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-minuri hija cittadina Maltija imwielda Malta minn missier Malti u ghalhekk ghandha dritt li tghix Malta u ma tigix separata minn ommha jew missierha.

ii. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jkun hemm trattament inuman jekk omm it-tarbija titkecca minn Malta, u jkun hemm trattament degradanti jekk l-omm u t-tarbija jintbaghtu l-Marokk f'pajjiz Musulman fejn mara li jkollha tarbija barra miz-zwieg titqies bhala li qeghdha fid-dnub u ta' dizunur ghall-familja.

**Risposta tal-Appell tal-intimati**

5. L-intimati appellati pprezentaw ir-risposta taghhom li in forza taghha talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

6. Fil-qosor huma qed jghidu li r-rikorrent Salvatore Bonello ghandu dritt jezercita d-drittijiet tieghu ta' missier

[2] Ma sar ebda appell la mir-rikorrenti u lanqas mill-intimati dwar l-eccezzjonijiet li ma gewx decizi mill-Ewwel Qorti.

fuq l-istess minuri, izda dan id-dritt ma jistax jigi estiz ghall-omm tal-istess tarbija meta din tkun “third party national” fejn il-posizzjoni taghha tista’ titqies bhal dik ta’ “prohibited immigrant”.

7. Fir-rigward tal-Artikolu 3 huma jissottomettu li r-rikorrenti Siham Habbad xorta ghandha dritt li tidhol Malta biex tezercita d-drittijiet taghha materni.

**Fatti fil-Qosor**

8. Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tar-rikorrenti, il-Qorti se taghti sfond fil-qosor tal-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni.

9. Ir-rikorrenti Habbad u Bonello kienu jghixu flimkien Malta u mir-relazzjoni ta’ bejniethom twieldet it-tifla Josephine Maria li giet rikonoxxuta minn Salvatore Bonello bhala bintu. Saret ukoll kawza ta’ denegata paternita` minn Salvatore Bonello kontra r-rikorrent Habbad li ghadha pendenti[3].

10. Skont ir-rikorrenti Habbad l-intimati qed joholqulha diffikultajiet biex tibqa’ tgawdi l-familja taghha hawn Malta billi giet ordnata titlaq minn Malta sal-21 ta’ Lulju 2006 u l-permess li kellha li tibqa’ Malta ma giex imgedded. Issostni li bhala *single parent* hu impossibili ghaliha li tirritorna lura l-Marokk, pajjiz Musulman fejn sitwazzjoni bhal taghha m’hijiex accettata.

11. F’din l-kawza, quddiem l-Ewwel Qorti, xehdu biss r-rikorrenti Siham Habbad u Salvatore Bonello. L-intimati ma ressqu ebda provi u lanqas ma kkontestaw dak li xehdu r-rikorrenti, hlief li issa waqt dan l-appell fin-nota’ ta’ sottomissjonijiet taghhom u wara li saret it-trattazzjoni gew prezentati dokumenti dwar il-paternita` u cittadinanza tar-rikorrenti Josephine Maria Bonello. Dok AG1 u Dok AG2.

---

[3] Ara fol 21-23, u 30. Sallum it-tifla ghadha rikonoxxuta bhala bintu, ghalkemm hemm kawza ta’ denegata paternita` (Rikors 234/2011). Fil-mori ta’ dan l-appell gie ezibit id-Dok AG 1 li hu rapport ta’ Marisa Cassar li kkonkludiet li Salvatore Bonello m’huwiex il-missier naturali ta’ Josephine Maria Bonello.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Dan l-appell, fi kliem l-appellanti, qed jigi limitat ghal zewg artikoli tal-Konvenzjoni senjatament l-**Artikolu 8** (fir-rigward tal-partijiet kollha appellanti, imma <u>principalment ghall-minuri</u>) u l-**Artikolu 3** ( <u>b'riferenza ghal Siham Habbad u ghall-minuri</u>) limitatament ghall-espressjoni “Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal …trattament inuman jew degradanti.”

13. **L-Artikolu 8** tal-Konvenzjoni jipprovvdi li:
1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.

2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health and morals, or the protection of the rights and freedoms of others[4].

14. F'dan il-kaz li trid tiddeciedi l-Qorti huwa jekk it-tkeccija minn Malta ta' Siham Habbad hix se tinterferixxi fid-dritt fundamentali taghha ghar-rispett tal-hajja personali taghha u ghal-dritt ghal familja taht l-artikolu 8 u jekk ir-rabtiet li hija tghid li ghandha ma' Malta jikkostitwux hajja familjari fil-kuntest tad-definizzjoni li jaghti l-Artikolu 8 para 1 tal-Konvenzjoni.

15. Hu risaput li l-istat ghandu dritt jikkontrolla d-dhul u r-residenza ta' persuni gewwa l-pajjiz, izda dan id-dritt

---

[4] L-**Artikolu 8 tal-Kap. 319**: (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu. (2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor. (ara wkoll l-**artikolu 32(c) tal-Kostituzzjoni).**

mhux illimitat. Kif iddecidiet il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Uner v. Netherlands** Application No. 46410/99[5]:

"54. The Court reaffirms at the outset that a State is entitled, as a matter of international law and subject to its treaty obligations, to control the entry of aliens into its territory and their residence there (see, among many other authorities, *Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom*, 28 May 1985, § 67, Series A no. 94, and *Boujlifa v. France*, 21 October 1997, § 42, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-VI). The Convention does not guarantee the right of an alien to enter or to reside in a particular country and, in pursuance of their task of maintaining public order, Contracting States have the power to expel an alien convicted of criminal offences. However, their decisions in this field must, in so far as they may interfere with a right protected under paragraph 1 of Article 8, be in accordance with the law and necessary in a democratic society, that is to say, justified by a pressing social need and, in particular, proportionate to the legitimate aim pursued (see *Dalia v. France*, 19 February 1998, § 52, *Reports* 1998-I; *Mehemi v. France*, 26 September 1997, § 34, *Reports* 1997-VI; *Boultif*, cited above, § 46; and *Slivenko v. Latvia* [GC], no. 48321/99, § 113, ECHR 2003-X). A.A. v. United Kingdom 20.9.2011)."

16. Fattur rilevanti wkoll f'kazijiet bhal dawn huwa jekk persuna li titlob li tibqa' f'pajjiz partikolari "knew about the offence at the time when she entered into a family relationship and whether family life was established knowing of the precariousness of the immigration situation"[6]. F'sitwazzjoni bhal din il-Qorti Ewropea ssostni li jkun biss f'kazijiet eccezzjonali li t-tkeccija ta' dik il-persuna jikser l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Infatti hi tghid:

[5] Ara wkoll Nunez v. Norway 28.6.2011.
[6] ZH (Tanzania) (FC) (Appellant) *v.* Secretary of State for the Home Department (Respondent) deciza fl-1 ta' Frar 2011.

"Nevertheless, in a case which concerns family life as well as immigration, the extent of a state's obligations to admit to its territory relatives of persons residing there will vary according to the particular circumstances of the person involved and the general interest [the reference is to *Gül v Switzerland* (1996) 22 EHRR 93, at [38]]. Factors to be taken into account in this context are the extent to which family life is effectively ruptured, the extent of the ties in the contracting state, whether there are insurmountable obstacles in the way of the family living in the country of origin of one or more of them, whether there are factors of immigration control (eg a history of breaches of immigration law) or considerations of public order weighing in favour of exclusion [the reference is to *Solomon v The Netherlands*, App No 44328/98, 5 September 2000]. Another important consideration will also be whether family life was created at a time when the persons involved were aware that the immigration status of one of them was such that the persistence of that family life within the host state would from the outset be precarious. The Court has previously held that where this is the case it is likely only to be in the most exceptional circumstances that the removal of the non-national family member will constitute a violation of Article 8 [the reference is to *Mitchell v United Kingdom*, App No 40447/98, 24 November 1998; *Ajayi v United Kingdom*, App No 27663/95, 22 June 1999]."

17. Recentement pero` l-Qorti Ewropea hadet posizzjoni inqas rigida u llum qeghdha thares aktar lejn l-interess ta' wild aktar milli tikkoncentra fuq in-nuqqasijiet tal-genituri li dwarhom il-wild ma ghandux x'jaqsam. Fil-kaz ta' *Rodrigues da Silva, Hoogkamer v. Netherlands* (2007) 44 EHRR 34, ghakemm il-Qorti Ewropea rribadit il-principji fuq imsemmija f'dak il-kaz partikolari sabet lezjoni tal-Artikolu 8 fejn qalet:

"In view of the far reaching consequences which an expulsion would have on the responsibilities which the first applicant has as a mother, as well as on her family life with her young daughter, and taking into account that

it is clearly in Rachael's best interests for the first applicant to stay in the Netherlands, the Court considers that in the particular circumstances of the case the economic well-being of the country does not outweigh the applicants' rights under article 8, despite the fact that the first applicant was residing illegally in the Netherlands at the time of Rachael's birth." [7]

18. Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-appellanti Siham Habbad kienet taf bis-sitwazzjoni prekarja taghha meta baqghet hawn Malta illegalment u sussegwentement anke ddecidiet li jkollha tarbija.

19. Jirrizulta wkoll li t-tifla twieldet Malta suppost minn missier Malti skont ma jindika c-certifikat tat-twelid taghha u ghalkemm ir-rikorrent Salvatore Bonello kien irrikonoxxiha bhala bintu issa qed jikkontesta l-paternita` taghha.

20. Ghalkemm fit-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrenti sostna li t-tifla hija cittadina Maltija u nvoka l-Artikolu 5(1) tal-Kap 188 billi din twieldet Malta, izda skont il-proviso tal-istess artikolu "in the case of a person born on or after the 1st August 1989, such person shall not become a citizen of Malta by virtue of this subarticle unless at the time of his birth, his father or his mother was or is (a) a citizen of Malta. Ir-rikorrent Salvatore Bonello kien fil-fatt applika biex jirregistra t-tifla Josephine Maria Bonello bhala cittadina Maltija izda kif jidher mill-*e.mail* ezibit Dok bhala AG2 hu rtira anke din l-applikazzjoni.

21. Il-Qorti tirrileva li llum il-gurnata t-tifla ghandha 4 snin u dejjem ghexet Malta izda bhalissa hemm dawn il-kwistjonijiet kollha dwar il-paternita` u c-cittadinanza taghha kif ukoll il-proceduri biex hi u ommha jitkeccew minn Malta.

22. Kif il-Qorti gia` rrilevat, l-provi prodotti f'din il-kawza huma skarsi hafna. Izda l-provi, almenu dawk disponibbili

[7] Ara wkoll Nunez v. Norway 28 ta'Gunju 2011.

ghall-Qorti, jindikaw li l-futur ta' Josephine Maria ghandu jkun hawn Malta u mhux il-Marokk. Hija ghandha aktar rabtiet ma' Malta fejn twieldet u ghexet u m'ghandha ebda rabtiet mal-Marokk li hu biss il-pajjiz minn fejn gejja ommha. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti trid thares aktar lejn l-interessi tat-tifla milli lejn in-nuqqasijiet u t-tahwid tal-grnituri[8]. Trid taghti wkoll importanza ghall-i*status* socjali tat-tifla bhala persuna mwielda Malta minn suppost genitur Malti billi dan huwa fattur li ghandu jigi kkunsidrat meta hi tigi biex tiddeciedi dwar is-*social identity* taghha u fejn huwa l-akbar interess taghha[9].

23. Mill-atti tal-processi ma jirrizultax li hemm ebda problemi ohra ta' ordni pubbliku, apparti l-kwistjoni tal-illegalita` tal-permanenza ta' Siham Habbad hawn Malta, li jistghu jkunu raguni ghaliex ir-rikorrenti Habbad ghandha titkecca minn Malta, wahedha jew mat-tifla.

24. Il-Qorti tirrileva li Josephine Maria Bonello bhala persuna li twieldet f'pajjiz tal Unjoni Ewropea hi intitolata bhal kull cittadin iehor tal-E.U, li tibqa' tirrisjedi Malta. Il-Qorti ma tarax kif il-fatt li r-rikorrenti Siham Habbad f'dan il-kaz hija *third country national* huwa daqshekk ta' xkiel li ghandu jeghleb il-bilanc gust li jrid jinzamm bejn id-dritt tal-familja jew hajja privata u d-dritt tal-istat li jirregola d-dhul ta' barranin hawn Malta. F'dan il-kaz jekk Siham Habbad tintbaghat lura lejn il-Marokk, it-tkeccija taghha ma tkunx proporzjonata mal-iskop legittimu li l-istat irid

---

[8] Ir-rikorrent Bonello l-ewwel irrikonoxxa t-tifla imbaghad fetah il-kawza ghad-denegata paternita`.Bonello applika ghac-cittadinanza tat-tifla imbaghad jirtiraha.

[9] Ara **Genovese v. Malta** 11.10.2011. fejn il-Qorti ta' Strasbourg qalet li "While the right to citizenship is not as such a Convention right and while its denial in the present case was not such as to give rise to a violation of Article 8, the Court considers that its impact on the applicant's social identity was such as to bring it within the general scope and ambit of that Article".(para 33). Il-Qorti rreferit ukoll ghal kaz Dadouch v Malta ghal spjegazzjoni dwar x'tista' tfisser social identity. (Para 47). Hi spjegat li "The Court recalls that the concept of "private life" is a broad term not susceptible to exhaustive definition. It covers the physical and psychological integrity of a person. It can therefore embrace multiple aspects of the person's physical and social identity. Elements such as, for example, gender identification, name and sexual orientation and sexual life fall within the personal sphere protected by Article 8. Beyond a person's name, his or her private and family life may include other means of personal identification and of linking to a family. An individual's ethnic identity must be regarded as another such element. Article 8 protects in addition a right to personal development, and the right to establish and develop relationships with other human beings and the outside world". (see, *S. and Marper v. the United Kingdom* [GC], nos. 30562/04 and 30566/04, § 66, 4th December 2008, and the case-law cited therein).

jilhaq, ghax ikunu qed jigu pregudikati precipwament l-interessi tat-tifla li ma tinfatamx minn ommha. Dak li ntqal fil-kaz ta' Rodriques Da Silva japplika f'dan il-kaz ukoll ghaliex "the economic well-being of the country does not outweigh the applicants' rights under article 8". Inoltre, fil-fehma tal-Qorti, it-tkeccija tat-tifla tista' tammonta ghal hekk imsejjha "constructive expulsion" ta' cittadin tal-Unjoni Ewropea flimkien mat-"third country national".

25. Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li minhabba l-fattispecie partikolari ta' dan il-kaz id-dritt fundamentali tar-rikorrenti Habbad taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jista' jigi lez jekk tigi ordnata t-tkeccija taghha lejn il-Marokk stante li l-awtoritajiet ma jkunux zammew bilanc gust bejn l-interess pubbliku li jhares il-kontroll effettiv tal-immigarazzjoni u d-dritt taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghal familja u hajja privata principalment ta' Josephine Maria Bonello u tar-rikorrenti Siham Habbad li jibqghu hawn Malta. Dik il-mizura la tkun necessarja f'socjeta` demokratika u lanqas proporzjonata ghal ghan legittimu li jrid jilhaq l-istat.

26. In vista ta' din il-konkluzjoni l-Qorti m'hijiex se tidhol fil-kwistjoni dwar jekk kienx hemm ukoll lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taht l-Artikolu 3 u lanqas ma huwa se jigi mistharreg l-ilment ta' Salvatore Bonello taht l-Artikolu 8 billi l-kwistjoni ma tqumx la darba diga' nstab li ser ikun hemm lezjoni taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti l-ohra.

27. Fil-fehma tal-Qorti is-sejba ta' lezjoni taht l-artikolu 8 ghandha sservi bhala rimedju bizzejjed f'dan il-kaz.

**<u>Decide</u>**

28. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn cahdet l-ilment tar-rikorrenti taht l-Artikolu 1, 13 u 14 tal-Konvenzjoni, izda tirrevokaha billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti Habbad u l-minuri taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Tiddikjara li mhux il-kaz li t-talba tigi ezaminata taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni in vista tal-lezjoni gia` misjuba taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

29. L-ispejjez tal-Ewwel Istanza u ta’ dan l-appell jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------